MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2010

Appell Kriminali Numru. 173/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Jonathan Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra l-imsemmi Jonathan Mifsud talli f'dawn il-Gżejjer::

a) fit-23 ta' April 2005 u fl-aħħar ġranet ta' qabel din id-data kellu fil-pussess tiegħu mediċina ristretta u psikotropika (ecstasy) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonjiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif

emendati, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

b) fl-ahhar gimghat ta' qabel il-25 ta' April 2005 kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 ta' April 2010 li permezz taghha dik il-Qorti wara li rat ir-regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22 tas-sena 1985, l-artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i) tal-Kap 31 kif ukoll ir-regolament 9 tal-GN 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kap 101 sabet lill-imsemmi Jonathan Mifsud ħati taż-żewġ imputazzjonijiet dedotti kontrih u kkundannatu għall-piena ta' priġunerija ta' tmien xhur kif ukoll għall-ħlas ta' multa ta' €680 liema multa tista' titħallas b'rati ta' 50 euro kull erba' ġimgħat bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mid-data tas-sentenza appellata. Jekk ma jitħallasx xi pagament, il-bilanċ irid jitħallas f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx din għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux. Il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-Reġistratur;

Rat ir- rikors ta' l- appell ta' Jonathan Mifsudipprezentat fil-21 ta' April 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellat fis-sens illi:

(1) tikkonfermaha fil-parti fejn sabitu hati tat-tieni imputazzjoni (b) u
(2) thassarha u tirrevokaha fejn sabitu hati fl-ewwel (a) imputazzjoni ghal dak li jirrigwarda l-aggravju tal-pussess u minflok tiddikjarah hati biss ta' pussess semplici tas-sustanza ecstasy u konsegwentement taghti dik is-sanzjoni li tkun tirrifletti din id-dikjarazzjoni.
(3) alternattivament u minghajr pregudizzju, thassarha fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac- cirkostanzi tal-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li s-sejbien ta' htija ghal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni kif dedotta hija *unsafe and unsatisfactory*. Huwa mhuwiex jikkontesta l-pussess izda l-kwalifika li l-ecstasy instab f'cirkostanzi li juru li ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu; (2) li, minghajr pregudizzju ghall-premess, dak li qal fl-istqarrija tieghu jista' jwassal biss ghal sitwazzjoni ta' *"sharing"*; (3) li, minghajr pregudizzju ghall-premess, hemm fatturi li jimmilitaw favur temperament fil-piena.

Dwar l-ewwel aggravju l-appellant isostni fl-ewwel lok li s-semplici fatt li huwa kellu fil-pussess tieghu 38 pillola ecstasy ma jaghtix sostenn ghall-kwalifika li dawn kienu fil-pussess tieghu mhux ghall-uzu esklussiv tieghu. Fit-tieni lok jikkontendi li *dato ma non concesso* li m'hemmx kontradizzjoni fl-istqarrija tieghu, huwa ma kellu ebda intenzjoni li jiddisponi minn xi pilloli hlief u f'kaz biss li jinqala' xi hadd. "Fi kliem iehor", ikompli jghid l-appellant, "l-intenzjoni futura tieghu kienet tiskatta biss jekk u meta tavvera ruhha sitwazzjoni indipendenti mill-azzjoni tieghu, u cioe` f'kaz li jinqala' xi hadd. Semmai, l-azzjoni futura tieghu kienet biss tiddependi minn xi azzjoni ta' terz injot. Ergo, dan ifisser *a contrario sensu* li jekk ma jinqala' hadd,

l-esponent ma kienx fi hsiebu li jiddisponi minn tali pilloli.” Fit-tielet lok, l-appellant jghid li l-istqarrija tippostula kontradizzjoni peress illi l-ewwel jghid li l-pilloli kienu ghalih imbaghad li hu kien lest ibiegh f’kaz li jinqala’ xi hadd. Ghalhekk, isostni l-appellant, din il-kontradizzjoni xxejjen il-valur probatorju ta’ l-istqarrija fir-rigward ta’ l-ewwel imputazzjoni. L-appellant jghid ukoll illi huwa rrifjuta li jiffirma l-istqarrija ghax ma kienx konvint mill-kontenut tieghu. Ghalhekk jemmen li l-imputazzjoni ta’ pussess aggravat hija insostenibbli.

Dwar il-pussess aggravat tajjeb hawn li ssir referenza ghal dak li qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mohammed Ben Hassen Trabelsi** tas-17 ta’ Frar 1997 dwar kif il-kwistjoni ta’ jekk ammont ta’ droga jkunx ghall-uzu esklussiv ta’ l-imputat o meno ghandha tigi ezaminata:

**“l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta’ droga huwiex ammont li <u>normalment</u> wiehed jassocja ma uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` l-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu eskluzziv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta’ probabbilita`, li dak l-ammont kien ghall-uzu eskluzziv tieghu, u dan b’applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101.”**

F’dan il-kaz irrizulta li l-appellant dahal it-Tattingers disco, ir-Rabat, u hemm instabu fuqu mill-Pulizija 38 pillola ecstasy. Certament dan l-ammont mhuwiex ammont li wiehed jikkonsma wahdu f’lejl wiehed ta’ divertiment. Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma illi b’hekk biss l-ewwel imputazzjoni hi assodata. Aktar minn hekk, il-prosekuzzjoni esebiet bhala Dok. NC2 l-istqarrija ta’ l-appellant. Huwa minnu li din ma gietx iffirmata pero` m’hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatt li hija l-istqarrija li huwa ghamel lill-Pulizija. Difatti fir-rikors ta’ appell tieghu jghid biss li ma ffirmax ghax “ma kienx konvint mill-kontenut taghha”. Pero` meta xehed quddiem l-ewwel Qorti, l-unika spjegazzjoni li ta bhala raguni ghalfejn qal

“jekk jinqala’ xi hadd jiena kont sejjer inbiegh minnhom” kienet li kien imbezza’. Wara li l-ewwel Qorti fakkritu li kien bil-gurament u jrid jghid il-verita`, il-linja ta’ mistoqsijiet mid-difensur tieghu hadet linja ohra, u cioe` dwar il-kondizzjoni prezenti tieghu. Fil-fehma ta’ din il-Qorti l-ispjegazzjoni li l-appellant ta ma xxejjen bl-ebda mod il-kontenut ta’ l-istqarrija, ossia ta’ dik id-dikjarazzjoni li huwa ghamel fiha dwar x’kien se jaghmel bil-pilloli.

Imbaghad l-argument li jgib l-appellant li ma setax jinstab hati ta’ l-ewwel imputazzjoni kif dedotta ghax jekk ma jinqala’ hadd huwa ma kienx fi hsiebu li jiddisponi mill-pilloli, ma jreggix. L-appellant ma giex akkuzat bi traffikar jew ahjar b’tentattiv ta’ traffikar. Huwa gie akkuzat li kellu fil-pussess tieghu pilloli li ma kinux intenzjonati ghall-uzu esklussiv tieghu, dak li komunement jissejjah “pussess aggravat”. Il-kontradizzjoni li hemm fl-istqarrija tieghu hija biss apparenti. Huwa beda biex jghid li dawn il-pilloli kienu ghalih personali. Naturalment minhabba l-ammont li kellu fil-pussess tieghu, difficilment seta’ jitwemmen li kien se juzahom kollha hu f’dik il-lejla. Fil-fatt insibu dawn il-mistoqsijiet u twegibiet fl-istqarrija:

“D. Il-bierah inti ghidtli li kienu biex tbieghhom, dak li ghidtli l-bierah, tikkonfermah?
R. Nghid illi jekk jinqala’ xi hadd jiena kont sejjer inbiegh minnhom izda kont ghadni ma bighhejt xejn minnhom.
D. Nghid sewwa li xtrajthom Lm3.50 u mhux Lm3.00?
R. Le xtrajthom Lm3.00.
D. Inti kemm kont sejjer tbieghhom?
R. Lm5 il-wahda.”

Minn hawn tohrog cara l-intenzjoni ta’ l-appellant – li jbiegh mill-pilloli li kellu fil-pussess tieghu. Jigifieri dawn ma kinux fil-pussess tieghu ghall-uzu esklussiv tieghu. Il-fatt li ma bieghx jew ma kienx ghadu pprova jbiegh jfisser biss li ma setax jigi akkuzat ta’ traffikar jew ta’ tentattiv ta’ traffikar. Izda l-iskop tal-pussess kien dak, u ghalhekk gie korrettement akkuzat u misjub hati ta’ “pussess aggravat”. Kwindi l-ewwel aggravju huwa michud.

Permezz tat-tieni aggravju l-appellant jissottometti illi fl-aghar ipotezi dak li qal fl-istqarrija tieghu jista' jwassal ghal sitwazzjoni ta' *"sharing"*. L-appellant pero` m'ghandux ragun.

F'dar-rigward huwa rilevanti s-subartikolu (9) ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 101 li jipprovdi:

**"(9) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 21 u 28A tal-Kodici Kriminali u d-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Probation ma jkunux applikabbli dwar xi persuna misjuba hatja ta' reat kif imsemmi fis-subartikolu (2)(a)(i) jew fis-subartikolu (2)(b)(i):**

**Izda meta, dwar xi reat imsemmi f'dan is-subartikolu, wara li jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz l-ammont u x-xorta tal-medicina in kwistjoni, ix-xorta ta' persuna involuta, l-ghadd u n-natura ta' kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inkluzi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taht l-Att dwar il-Probation, il-Qorti tkun tal-fehma li l-hati kien bi hsiebu jikkonsma l-medicina f'dak l-istess post flimkien ma' ohrajn, il-Qorti tista' tiddeciedi li ma tapplikax id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu."**

Fl-Appelli Kriminali **Il-Pulizija v. Russell Bugeja** u **Il-Pulizija v. Marco Galea**, it-tnejn decizi fil-5 ta' Mejju 2008, l-imsemmi *proviso* gie spjegat b'dan il-mod:

**"Huwa evidenti mid-dicitura tal-ligi li, apparti konsiderazzjonijiet ohra li l-qorti ghandha tizen sew qabel ma tapplika dan l-ewwel *proviso* (fosthom l-ammont u x-xorta ta' medicina involuta, ecc), trid tkun tirrikorri wkoll sitwazzjoni partikolari fejn id-droga tkun ser tigi, jew tkun giet, ikkunsmata (i) fl-istess post u (ii) minn min ikun qed jipprovdiha flimkien ma' ghall-anqas persuna ohra. Il-kliem "flimkien" u "fl-istess post" jissottolineaw l-element ta' komunanza – dak li aktar popolarment jissejjah "sharing" – jigifieri li dak li jkollu id-droga intiza ghalih jiddeciedi li jaqsamha ma' haddiehor f'dak l-istess waqt li jkun qed jikkunsmaha huwa stess. Kif inhu risaput, fil-ligi**

**taghna min joffri d-droga, li jkollu ghall-uzu tieghu, lil haddiehor – cioe` jaqsamha ma' haddiehor – ikun qieghed jipprovdi ("supply" fit-test ingliz) dik id-droga ghall-finijiet tad-definizzjoni ta' traffikar (Art. 22(1B)), u, per konsegwenza, ikun qed jittraffika dik id-droga. Dak li l-legislatur ried kien li meta jkollok kazijiet zghar u izolati ta' "sharing" – persuna jkollha d-droga ghaliha u taqsamha ma' haddiehor – tkun tista' (izda mhux bilfors – ghalhekk iridu jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz) tigi evitata, ghall-anqas ghall-ewwel darba, il-piena mandatorja ta' prigunerija b'effett immedjat."**

Mill-istqarrija ta' l-appellant huwa evidenti illi ma kien qieghed isir l-ebda *"sharing"*. Kif jista' jikkontempla x-*"sharing"* meta fl-istqarrija stess jghid b'liema prezz kien se jbiegh il-pilloli? Konsegwentement anke t-tieni aggravju huwa michud.

It-tielet aggravju jirrigwarda l-piena. Din il-Qorti tapprezza l-avvanzi li ghamel l-appellant fil-glieda tieghu sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga. L-ewwel Qorti fil-fatt ghamlet referenza ghar-rapport favorevoli ta' l-ufficjal tal-*probation* u ghall-fatt li l-appellant ghamel progress minn zmien ir-reati addebitati lilu. Frankament din il-Qorti ma ssib xejn aktar x'tikkunsidra milli diga` kkunsidrat l-ewwel Qorti. Il-ligi hi dik li hi. Min jinsab hati ta' "pussess aggravat" irid ibati piena effettiva ta' prigunerija. Il-piena nflitta mill-ewwel Qorti hi fil-parametri tal-ligi u kwazi fil-minimu. L-appellant ma pprovda l-ebda informazzjoni lill-Pulizija biex setghet taqbad lil min kien qieghed jipprovdilu d-droga u b'hekk jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101. Inoltre mill-fedina penali aggornata ta' l-appellant jirrizulta, almenu *prima facie*, li huwa diga' kellu tliet kazijiet li jirrigwardaw l-abbuz tad-droga fejn inghata *conditional discharge*. Ghalhekk t-tielet aggravju qieghed ukoll jigi michud.

B'danakollu din il-Qorti tqis opportun illi l-appellant jintbaghat mid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin fi programm residenzjali tal-CARITAS sabiex jigi assigurat illi jitbieghed darba ghal dejjem mill-vizzju tad-droga.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier, b'dan illi l-perijodu ghall-hlas tal-multa jibda jiddekorri millum. Tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin ghall-ahhar paragrafu tal-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------